



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 7.8.2014  
COM(2014) 511 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**kif previst fl-Artikolu 67(1) tar-Regolament (UE) 305/2011**

## Werrej

<b>L-ABBREVJAZZJONIJIET UŻATI F'DAN IR-RAPPORT .....</b>	<b>3</b>
<b>SOMMARJU EŻEKUTTIV .....</b>	<b>4</b>
<b>1. Introduzzjoni .....</b>	<b>7</b>
<b>2. Sfond .....</b>	<b>7</b>
<b>3. REACH u l-konsegwenzi għal prodotti għall-bini.....</b>	<b>9</b>
<b>4. Żviluppi u proċessi li huma mibnija fuq is-CPR .....</b>	<b>12</b>
<b>4.1 Il-mekkaniżmu ta' armonizzazzjoni .....</b>	<b>12</b>
<b>4.2 Kif jistgħu jiġu indirizzati l-ħtiġijiet regolatorji l-ġodda tal-Istati Membri? ...</b>	<b>13</b>
<b>4.3 Mir-Rekwiżiti Bażiċi Nru 3 u Nru 7 għal speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati....</b>	<b>13</b>
<b>5. Ir-riżultati tal-istudju dwar il-ħtiġijiet speċifiċi għal informazzjoni dwar il-kontenut ta' sustanzi perikolużi fit-tul fil-prodotti għall-bini u diskussjoni.....</b>	<b>16</b>
<b>5.1 Il-qafas tal-istudju .....</b>	<b>17</b>
<b>5.2 Sejbiet tal-istudju .....</b>	<b>18</b>
<b>6. Konklużjonijiet .....</b>	<b>22</b>

### **L-ABBREVJAZZJONIJIET UŻATI F'DAN IR-RAPPORT**

L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin jintużaw ta' spiss f'dan ir-rapport u jinsabu hawn bħala referenza faċli:

CEN	Il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni
CENELEC	Il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni tal-Elettroteknika
CPR	Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 dwar il-prodotti għall-bini
DoP	Dikjarazzjoni ta' Prestazzjoni
EAD	Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni
EN(s)	Standard(s) Ewropew/j
EOTA	L-Organizzazzjoni Ewropea għall-Valutazzjoni Teknika
ETA	Valutazzjoni Teknika Ewropea
REACH	Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi.
SVHC	Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan ir-rapport qed jintbagħat skont l-Artikolu 67(1) tar-Regolament (UE) Nru 305/2011<sup>1</sup>, ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini (CPR).

Skont l-Artikolu 4(1) tas-CPR il-manifattur għandu jfassal Dikjarazzjoni ta' Prestazzjoni (DoP) meta jqiegħed fis-suq prodott għall-bini li jkun kopert minn standard armonizzat, jew li għalih tkun inħarġet Valutazzjoni Teknika Ewropea. Għandha tintbagħat ukoll kopja tad-DoP ma' kull prodott li jsir disponibbli fis-suq. Is-CPR jipprovdi wkoll fl-Artikolu 6(5) li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31, jew fl-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH) għandha tiġi pprovduta flimkien mad-DoP.

L-obbligu ta' rappurtar għall-Kummissjoni huwa ddefinit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 67(1) tas-CPR kif ġej:

*"Sal-25 ta' April 2014, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa speċifika għal informazzjoni dwar il-kontenut ta' sustanzi perikolużi fil-prodotti għall-bini u tqis l-estensjoni possibbli tal-obbligu tal-informazzjoni previst fl-Artikolu 6(5) għal sustanzi oħrajn, u għandha tagħti rapport dwar dan lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis, inter alia, il-ħtieġa li jiġi żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema li jużaw prodotti għall-bini u tal-utenti ta' xogħlijiet ta' bini, inkluż fir-rigward tar-rekwiżiti ta' riċiklaġġ u/jew ta' użu mill-ġdid ta' partijiet jew materjali."*

Biex tirrispetta dan l-obbligu, il-Kummissjoni akkwistat l-istudju indipendenti "**Study on specific needs for information on the content of dangerous substances in construction products**" (Studju dwar ħtiġijiet speċifiċi għal informazzjoni dwar il-kontenut ta' sustanzi perikolużi fil-prodotti għall-bini) bl-għan ġenerali li tiċċara u tanalizza l-eżistenza ta' ħtiġijiet speċifiċi għal informazzjoni dwar il-kontenut ta' prodotti għall-bini.

L-istudju jidentifika u jikkonċentra fuq 30 skema li jittrattaw il-kontenut ta' sustanzi perikolużi fit-tul fil-prodotti għall-bini. L-istudju sab li l-ebda skema speċifika għas-settur ma tiffoka biss fuq dan il-kontenut u fl-istess waqt tkopri biss prodotti għall-bini. Meta teżisti, il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha approċċ imħallat, għalkemm ġew identifikati xi eżempji ta' każijiet li jikkonċentraw fuq il-kontenut, b'mod partikolari meta jindirizzaw restrizzjonijiet (projbizzjonijiet) ta' ċertu sustanzi. L-istudju żvela li l-partijiet ikkonċernati għandhom fehmiet differenti dwar ir-rwol tat-tikkettar tal-kontenut fuq il-prodotti għall-bini. Dawk li huma favur jaraw valur partikolari fl-infurzar ta' projbizzjonijiet ta' sustanzi u fl-iffaċilitar tal-applikazzjoni tal-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ minkejja li l-biċċa l-kbira ta' dawn l-iskemi huma biss volontarji.

Il-Kummissjoni evalwat is-sejbiet tal-istudju flimkien mad-dispożizzjonijiet legali tas-CPR u tar-REACH. Barra minn hekk, il-Kummissjoni evalwat il-progress tax-xogħol ta' armonizzazzjoni fil-qasam tal-valutazzjoni ta' sustanzi perikolużi fil-prodotti għall-bini u waslet għall-konklużjonijiet li ġejjin.

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati attwali għall-prodotti għall-bini jkopru l-aspetti

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jstabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kumerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).

kollha tal-prestazzjoni tal-prodott fir-rigward tad-dispożizzjonijiet regolatorji dwar is-sustanzi perikolużi fit-tul fis-seħħ bħalissa fil-livell nazzjonali u fil-livell Ewropew.

Fost l-oħrajn, ix-xogħol ta' standardizzazzjoni li sar għall-elaborazzjoni tal-metodi ta' valutazzjoni Ewropea jkopri d-dispożizzjonijiet regolatorji nazzjonali jew Ewropej kollha marbuta mal-kontenut. L-istandardizzaturi mistennija jintroduċu dalwaqt dawn il-metodi ta' valutazzjoni fl-istandards armonizzati Ewropej u l-korpi tal-EOTA se jużawhom ukoll fid-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni (EADs). Din il-proċedura tiġi segwita kull meta tiġi adottata leġislazzjoni nazzjonali jew tal-UE ġdida.

Għalhekk il-manifattur huwa f'qagħda li jinforma dwar il-prestazzjoni meħtieġa tal-prodott, inkluż, meta jkun xieraq, il-kontenut ta' sustanzi, permezz tad-DoP. Dan jiżgura d-disponibilità ta' din l-informazzjoni għall-utenti downstream kollha tal-prodott.

Skont ir-regolament REACH, il-prodotti li huma minnhom infushom sustanzi jew taħlitiet koperti mir-REACH u huma parti minn sottogrupp speċifiku<sup>2</sup> ta' sustanzi x'aktarx b'effetti negattivi għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent kif identifikati bl-Artikolu 31 tar-regolament REACH, iridu jkunu akkumpanjati minn Skeda ta' Dejta ta' Sikurezza tul il-katina kollha tal-provvista sa kwalunkwe attur, esklużi l-fornituri tal-pubbliku ġenerali u l-konsumaturi nnifishom. Madankollu dan l-obbligu mhux applikabbli għal prodotti li huma oġġetti. Għal dawk il-prodotti, l-Artikolu 33 tar-Regolament REACH jeżiġi l-għoti ta' informazzjoni lir-riċevituri (u biss fuq talba lill-konsumaturi wkoll) biex ikun hemm użu bla periklu, tal-inqas l-isem tas-sustanzi ta' tħassib għoli ħafna<sup>2</sup> meta jkunu jinsabu fi prodotti ta' oġġetti f'konċentrazzjoni oġġla minn 0.1% fil-piż.

Skont l-Artikolu 6(5) tas-CPR din l-informazzjoni trid tiġi pprovduta flimkien mad-DoP. Għaldaqstant din l-informazzjoni (l-Iskedi ta' Dejta ta' Sikurezza għal sustanzi perikolużi jew informazzjoni dwar sustanzi perikolużi li jinsabu fil-prodott għall-bini) takkumpanja lill-prodott għall-bini fl-istadji kollha tal-katina tal-provvista sal-utent finali (il-kuntrattur, il-ħaddiem u l-konsumatur), u b'hekk jitwessa' l-obbligu tat-tixrid tal-informazzjoni stabbilit bir-Regolament REACH.

Madankollu, l-informazzjoni marbuta mar-REACH li l-manifattur għandu jipprovdi tqis il-protezzjoni tal-utenti, tal-ħaddiema u tal-konsumaturi. Kull estensjoni futura tar-Regolament REACH biex tkopri sustanzi ġodda se tapplika awtomatikament ukoll għall-obbligu li l-manifatturi ta' prodotti għall-bini jxerrdu l-informazzjoni rilevanti, u b'hekk jinżamm il-pass mal-progress xjentifiku.

Meta wieħed jikkonsidra li l-informazzjoni li trid tingħata hija ristretta għall-informazzjoni skont l-Artikoli 31 u 33 tar-REACH u n-nuqqas ta' leġislazzjoni nazzjonali jew tal-UE li espliċitament titlob il-kopertura ta' informazzjoni addizzjonali skont d-DoP, l-obbligi skont is-CPR fil-mument ma jikkostitwixxux mezz ta' forniment ta' informazzjoni dwar il-kontenut ta'

---

<sup>2</sup> Ara l-Kapitolu 3 għad-dettalji. Ir-rekwiżit li jiġu pprovduti skedi ta' dejta ta' sikurezza (SDS) skont l-Artikolu 31 tar-REACH japplika għal sustanzi li huma kklassifikati bħala perikolużi fit-tul, persistenti, bjoakkumulattivi u tossiċi (PBT) jew persistenti ħafna u bjoakkumulattivi ħafna (vPvB), identifikati bħala sustanzi ta' tħassib għoli ħafna (SVHC), stabbiliti, skont l-Artikolu 59(1) tar-REACH. Dispożizzjonijiet simili japplikaw għal taħlitiet li dwarhom l-informazzjoni lill-fornitur trid tkun disponibbli meta tintalab. L-Artikolu 33 jeżiġi li l-informazzjoni tiġi pprovduta fil-provvista (u lill-konsumaturi li jitolbuha) dwar kull sustanza SVHC f'oġġetti b'konċentrazzjoni aktar minn 0.1% f'piż bil-piż, b'informazzjoni biżżejjed biex ikun hemm użu bla periklu u tal-inqas l-isem tas-sustanza.

kull sustanza perikoluża fil-prodotti kollha għall-bini lill-utenti peress li Skeda tas-Sikurezza tad-Dejta tingħata biss flimkien ma' DoP meta r-REACH jitlob dan. Madankollu din tista' titqies li tindirizza b'mod komprensiv xi tħassib urġenti dwar is-saħħa u l-ambjent.

Barra minn hekk, id-DoP ippreżentata flimkien mal-informazzjoni skont ir-REACH kif mifhmum skont l-Artikolu 6(5) tas-CPR tista' tkun għodda utli biex, pereżempju permezz ta' għażliet informati tal-utent u l-konsumatur, din tissodisfa l-għanijiet ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, jew l-użu sostenibbli tar-riżorsi fost oħrajn permezz tar-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid.

L-istudju identifika ċerta ċertifikazzjoni volontarja u skemi ta' tikkettar li jfittxu li jiksbu dawn l-għanijiet permezz ta' informazzjoni dwar il-kontenut ta' sustanzi fil-prodotti għall-bini. Dawn però ġeneralment ma jkunux maqtugħa apposta għall-prodotti għall-bini, ikollhom kopertura ġeografika limitata u fil-biċċa l-kbira tagħhom ma jkunux koperti mid-DoP. L-istudju ma ppruvax jiżviluppa skema tiegħu stess jew li jevalwa l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-estensjoni tal-obbligi attwali permezz ta' waħda minn dawn l-iskemi.

Il-manifatturi tal-prodotti għall-bini, speċjalment l-SMEs misħarrġa fl-istudju min-naħa l-oħra jikkunsidraw kull estensjoni attwali tal-obbligi ta' informazzjoni bħala piż sinifikanti u mhux ġustifikabbli.

Għalhekk il-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra li għall-fini tal-konsolidament tas-Suq Intern għall-prodotti għall-bini fi ħdan il-qafas tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, il-ħtiġijiet speċifiċi għal informazzjoni dwar il-kontenut ta' sustanzi perikolużi fit-tul fil-prodotti għall-bini, huma indirizzati biżżejjed mid-dispożizzjonijiet attwali tas-CPR, b'mod partikolari l-Artikolu 4 flimkien mal-Artikolu 6(5). Madankollu, il-ħtieġa għal aktar alternattivi ta' informazzjoni għall-utenti finali dwar il-preżenza ta' sustanzi fil-prodotti għall-bini, biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema li jużaw prodotti għall-bini u ta' utenti ta' xogħlijiet ta' bini, inkluż fir-rigward tar-rekwiżit ta' riċiklaġġ u/jew ta' użu mill-ġdid ta' partijiet jew materjali, għandha tiġi evalwata mill-ġdid u, jekk xieraq, indirizzata skont l-istrumenti rilevanti disponibbli fil-leġiżlazzjoni tal-UE.

Jeħtieġ li jiġi enfasizzat li l-konklużjonijiet ta' hawn fuq dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, ma jippreġudikawx il-possibbiltà għall-Kummissjoni li wara li tikkunsidra d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE għajr l-Artikolu 114, tidħol għal inizjattivi leġiżlattivi xierqa.

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## kif previst fl-Artikolu 67(1) tar-Regolament (UE) Nru 305/2011

### 1. Introduzzjoni

Dan ir-rapport qed jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif previst fl-Artikolu 67(1) tar-Regolament (UE) Nru 305/2011<sup>3</sup> (ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Kostruzzjoni, is-CPR).

L-Artikolu 6 tas-CPR jiddefinixxi l-kontenut tal-obbligu tal-manifattur li jipprovdi informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-prodott għall-bini fil-forma tad-Dikjarazzjoni ta' Prestazzjoni (DoP). Skont l-Artikolu 6(5), il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikoli 31 u 33 tar-Regolament REACH flimkien ma' din id-dikjarazzjoni.

Waqt id-diskussjonijiet ta' qabel l-adozzjoni tas-CPR, ċerti Stati Membri kienu qed jikkunsidraw li jestendu d-dispożizzjonijiet attwali tal-Artikolu 6(5) tas-CPR għall-informazzjoni marbuta ma' kontenut speċifiku dwar sustanzi perikolużi fit-tul, kif ukoll għal sustanzi addizzjonali, biż-żewġ estensjonijiet li b'hekk imorru lil hinn mill-obbligi maħluqa bir-Regolament REACH.

Fil-qafas tal-proċess leġislattiv għall-adozzjoni tas-CPR, il-Kummissjoni fl-aħħar nett intalbet tanalizza l-ħtieġa speċifika għal informazzjoni dwar il-kontenut ta' sustanzi<sup>4</sup> perikolużi fit-tul fil-prodotti għall-bini u dwar l-estensjoni possibbli tal-obbligu tal-informazzjoni previst fl-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 għal sustanzi oħra. Dan l-obbligu ta' rappurtar huwa inkluż fl-Artikolu 67(1).

### 2. Sfond

Ir-regoli tal-Istati Membri jeżiġu li x-xogħlijiet ta' bini jitfasslu u jiġu eżegwiti sabiex ma jkunx hemm periklu għas-sikurezza ta' persuni, annimali domestiċi u proprjetà kif ukoll ma ssirx ħsara lill-ambjent. Ix-xogħlijiet ta' bini jitqiesu f'sens usa', inkluż il-binjiet u xogħlijiet ta' inġinerija ċivili (pereżempju toroq, pontijiet, digi u n-netwerks tad-dranaġġ).

Ir-regoli tal-Istati Membri jistgħu jinfluwenzaw ir-rekwiżiti imposti fuq il-prodotti għall-bini. Dawn ir-rekwiżiti huma ta' spiss riflessi fl-istandards tal-prodotti nazzjonali, fl-approvazzjonijiet tekniċi nazzjonali u fi speċifikazzjonijiet u dispożizzjonijiet tekniċi nazzjonali oħrajn marbuta mal-prodotti għall-bini. Minħabba d-disparità tagħhom, dawn ir-rekwiżiti nazzjonali regolatorji jfixklu l-kummerċ fil-prodotti għall-bini fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jstabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).

<sup>4</sup> F'dawn il-kuntesti, is-CPR juża l-kliem "hazardous substances" - ("sustanzi perikolużi fit-tul"), filwaqt li t-terminu tradizzjonali użat fi ħdan is-settur tal-bini s'issa kien "dangerous substances"- "sustanzi perikolużi". Għall-finijiet ta' dan ir-rapport, dawn għandhom jiġu kkunsidrati identiċi.

Il-predeċessur tas-CPR, id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE<sup>5</sup> kellha fil-mira li tneħħi l-ostakli tekniċi għall-kummerċ fil-qasam tal-prodotti għall-bini sabiex jissaħħa il-moviment liberu tagħhom fis-suq intern billi jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għall-prodotti għall-bini. Is-CPR ħa post id-Direttiva 89/106/KEE sabiex jissimplifika u jiċċara il-qafas eżistenti u jtejjeb it-trasparenza u l-effikaċja tal-miżuri eżistenti. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet f'leġislazzjoni oħra nazzjonali u tal-UE, is-CPR jindika wkoll f'ċerti istanzi bħall-premessi 4, 25, 55, l-artikolu 28(2) u 67(1) l-għan li jitqiesu l-oġettivi tal-UE dwar il-livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema li jużaw prodotti għall-bini u utenti ta' xogħlijiet ta' bini, kif ukoll timmira li ttejjeb il-possibbiltajiet għal bini sostenibbli u li tiffaċilita l-iżvilupp ta' prodotti favur l-ambjent.

Tqies li huwa ta' importanza kbira li jinkisbu t-trasparenza u ċ-ċarezza fir-rigward tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni ta' prodotti għall-bini u l-preżentazzjoni ta' dil-prestazzjoni fid-DoP, imfassla mill-manifattur. Dan jippermetti lill-utenti finali tal-prodott għall-bini (il-kuntratturi, il-ħaddiema u daqstant ieħor il-kosumaturi) biex iqisu u jikkunsidraw din il-prestazzjoni, sabiex jiżguraw li kull prodott jintuża b'mod xieraq, jiġifieri meta biss il-prestazzjoni tiegħu tissodisfa l-eżiġenzi preskritti mid-disinjatur tax-xogħlijiet ta' bini inkwistjoni u stabbiliti skont id-dispożizzjonijiet regolatorji fis-seħħ fejn jintuża l-prodott.

Biex jinkiseb dan jeħtieġ li jiġu elaborati speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati sabiex ikunu ddefiniti l-metodi u l-kriterji Ewropej għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-bini. Abbażi tal-imsemmija speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati l-prestazzjoni tal-prodott tista' tiġi evalwata b'mod Ewropew aċċettat b'mod ġenerali u wara ddikjarata fid-DoP. Id-DoP b'hekk qed jipprovdi informazzjoni preċiża u affidabbli dwar il-prestazzjoni ta' prodott għall-bini.

Skont l-Artikolu 4(1) tas-CPR il-manifattur għandu jfassal DoP meta jqiegħed fis-suq prodott għall-bini li huwa kopert minn standard armonizzat jew li għalih tkun inħarġet Valutazzjoni Teknika Ewropea. Għandha tintbagħat ukoll kopja tad-DoP ma' kull prodott li jsir disponibbli fis-suq. Is-CPR jipprovdi wkoll fl-Artikolu 6(5) li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31 jew l-Artikolu 33 tar-REACH għandha tiġi pprovduta flimkien mad-DoP. Fil-Kapitolu li jmiss jiġu diskussi fid-dettall il-firxa ta' din l-informazzjoni u d-disponibbiltà tagħha tul il-katina tal-provvista.

Pereżempju, l-Artikolu 31 ikopri sottogrupp usa' ta' sustanzi milli hemm fl-Artikolu 31, iżda japplika biss għal prodott li minnhom innifishom huma sustanzi jew taħlitiet (pereżempju, iż-żebgħa). Meta tkun ipprovduta, l-informazzjoni skont xi wieħed miż-żewġ Artikoli, din tkun tindika biss il-preżenza<sup>6</sup> aktar milli informazzjoni kwantitattiva dwar il-kontenut tas-sustanza fl-oġġett.

Meta l-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-proposta tagħha għal Regolament ġdid li jirrevoka d-Direttiva 89/106/KEE, xi dispożizzjonijiet kienu tressqu mill-partijiet interessati li kienu se jinvolvu obbligi ġodda għall-manifatturi, speċifikament li jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar il-kontenut ta' sustanzi perikolużi fit-tul fil-prodotti għall-bini, u t-twassil sussegwenti ta' din l-informazzjoni fi ħdan jew flimkien id-DoP prevista fl-Artikolu 6 tas-

<sup>5</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini (ĠU L 40, ta' 11.02.1989, p. 12.)

<sup>6</sup> Li teċċedi ċerta konċentrazzjoni jew il-proporzjon tas-sustanza, bil-piż, fil-prodott.

CPR.

Is-soluzzjoni adottata finalment fis-CPR ħadet post dawn l-obbligi l-ġodda bi struttura ta' rappurtar. Fi ħdan il-premessa 25 tiegħu, l-għażla ta' din is-soluzzjoni ġiet spjegata kif ġej:

*"Madankollu, il-ħtieġa speċifika għal informazzjoni dwar il-kontenut ta' sustanzi perikolużi fil-prodotti għall-bini għandhom ikomplu jiġu investigati bil-ħsieb li l-firxa ta' sustanzi koperti tiġi kkompletata sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema li jużaw prodotti għall-bini u tal-utenti ta' xogħlijiet ta' bini, inkluż fir-rigward tar-rekwiżiti ta' riċiklaġġ u/jew tal-użu mill-ġdid ta' partijiet jew materjali."*

L-obbligu ta' rappurtar għall-Kummissjoni huwa ddefinit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 67(1) tas-CPR kif ġej:

*"Sal-25 ta' April 2014, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa speċifika għal informazzjoni dwar il-kontenut ta' sustanzi perikolużi fil-prodotti għall-bini u tqis l-estensjoni possibbli tal-obbligu tal-informazzjoni previst fl-Artikolu 6(5) għal sustanzi oħrajn, u għandha tagħti rapport dwar dan lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis, inter alia, il-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema li jużaw prodotti għall-bini u tal-utenti ta' xogħlijiet ta' bini, inkluż fir-rigward tar-rekwiżiti ta' riċiklaġġ u/jew ta' użu mill-ġdid ta' partijiet jew materjali."*<sup>7</sup>

Sabiex tħejji għal dan l-obbligu ta' rappurtar, il-Kummissjoni bdiet studju indipendenti dwar il-bżonnijiet ta' informazzjoni dwar il-kontenut ta' sustanzi perikolużi fil-prodotti għall-bini. Is-sejbiet tal-istudju huma ppreżentati fil-Kapitolu 5 ta' dan ir-rapport.

### **3. REACH u l-konsegwenzi għal prodotti għall-bini**

Ir-Regolament REACH dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2007. Huwa għandu l-għan li jiżgura livell għoli ta' ħarsien għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, inkluż il-promozzjoni ta' metodi alternattivi għall-valutazzjoni ta' perikli minn sustanzi, kif ukoll iċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' sustanzi fis-Suq Intern filwaqt li jtejjeb il-kompetittività u l-innovazzjoni.

Ir-REACH jimponi ċerti obbligi speċifiċi dwar sustanzi individwali manifatturati, importati jew użati fl-UE. Ir-REACH jitfa' l-piż tal-prova fuq il-kumpaniji. Biex ikunu konformi mar-Regolament REACH, il-kumpaniji jridu jirreġistraw is-sustanzi li jimmanifatturaw u jikkummerċjalizzaw fl-UE f'faktar minn tunnellata fis-sena. Id-dossier ta' reġistrazzjoni għandu jiddokumenta l-użu sikur tas-sustanzi, billi jinkludi informazzjoni dwar il-perikli tas-sustanzi biex jippermetti li r-reġistranti jikklassifikawhom u jimmarkawhom u jidentifikaw miżuri ta' mmaniġġjar tar-riskji, u jikkomunikaw din l-informazzjoni 'l isfel fil-katina tal-provvista<sup>8</sup>. Il-livell ta' informazzjoni li jrid jiġi pprovdut mir-reġistrant jiddependi mill-volum tas-sustanza rreġistrata minn dak ir-reġistrant individwali.

<sup>7</sup> F'dawn il-kuntesti, is-CPR juża l-kliem "hazardous substances" - ("sustanzi perikolużi fit-tul"), filwaqt li t-terminu tradizzjonali użat fi ħdan is-settur tal-bini s'issa kien "dangerous substances"- "sustanzi perikolużi"). Għall-finijiet ta' dan l-istudju, dawn għandhom jiġu kkunsidrati identiċi.

<sup>8</sup> L-Artikolu 31 tar-Regolament REACH.



Għal sustanzi manifatturati jew importati fi kwantitajiet aktar minn għaxar (10) tunnelli metriċi kull sena, ir-reġistranti jridu jwettqu wkoll valutazzjoni tas-sikurezza kimika addizzjonali biex jidentifikaw jekk jinħtiġux miżuri addizzjonali għat-tnaqqis tar-riskju u liema għandhom ikunu dawn il-miżuri.

Ir-REACH għandu impatt fuq firxa wiesgħa ta' kumpaniji f'bosta setturi, anki dawk li jistgħu ma jarawx lilhom innifishom bħala involuti fis-sustanzi kimiċi. Il-prodotti għall-bini fil-qafas tar-REACH jistgħu jkunu sustanzi, taħlitiet jew oġġetti.

Għalhekk, kumpaniji li jimmanifatturaw jew li jfornu prodotti għall-bini jridu jikkonformaw mar-reqwiziti stipulati fir-REACH:

- L-ewwel nett, skont l-Artikolu 31 tar-REACH, għall-prodotti għall-bini li huma sustanzi jew taħlitiet irreġistrati (iżda mhux għal prodotti li huma oġġetti skont ir-REACH), il-fornitur huwa obligat li jipprova lir-riċevitur l-iskedi ta' dejta ta' sikurezza kkompilati skont l-Anness II tar-REACH:
  - (i) għas-sustanzi jew it-taħlitiet kollha li huma kklassifikati bħala perikolużi fit-tul<sup>9</sup>, persistenti, bjoakkumulattivi u tossiċi (PBT) jew persistenti ħafna u bjoakkumulattivi ħafna (vPvB)<sup>10</sup>, li huma identifikati bħala Sustanzi ta' Tħassib Għoli Ħafna (SVHC) inklużi fil-Lista ta' kandidati għall-Awtorizzazzjoni<sup>11</sup>;
  - (ii) fuq talba għal taħlitiet mhux ikklassifikati li fihom:
    - mill-inqas sustanza waħda li tikkostitwixxi perikolu għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent aktar mil-limiti ta' konċentrazzjoni speċifikati<sup>12</sup>; jew
    - sustanzi li huma persistenti, bjoakkumulattivi u tossiċi jew persistenti ħafna u bjoakkumulattivi ħafna f'konċentrazzjoni individwali ta'  $\geq 0.1$  % bil-piż; jew
    - Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHC) li huma inklużi fil-Lista ta' Kandidati ta' sustanzi għal awtorizzazzjoni għal raġunijiet oħra; jew
    - sustanzi li għalihom jeżistu limiti Komunitarji dwar l-espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol.

Fir-rigward tal-obbligu(i) ta' hawn fuq tapplika eżenzjoni jekk it-taħlita tiġi offruta jew tinbiegħ lill-pubbliku ġenerali u tingħata informazzjoni biżżejjed għall-użu mingħajr periklu. F'dawn il-każijiet mhemmx għalfejn tingħata skeda ta' dejta ta' sikurezza għajr

<sup>9</sup> Periklu fiżiku, għas-saħħa u għall-ambjent. Ara r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 - klassifikazzjoni, tikkettar u ppakkjar ta' sustanzi u taħlitiet. Għat-taħlitiet, dawk li jissodisfaw il-kriterji bħala perikolużi skont id-Direttiva 1999/45/KE (li trid tiġi revokata bir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 sal-1 ta' Ġunju 2015).

<sup>10</sup> Identifikati skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness XIII tar-REACH.

<sup>11</sup> Dawn is-sustanzi hekk imsejħa SVHC huma elenkati fl-Anness XIV tar-REACH. Il-lista tinkludi sottogrupp ta' karċinoġeni, mutaġeni, sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni, PBT jew vPvB kif ukoll sustanzi ta' tħassib ekwivalenti (pereżempju interferenti endokrinali) u sservi bħala lista ta' kandidati għal awtorizzazzjoni mir-REACH. Il-lista tiġi aġġornata kontinwament u sa Diċembru 2013 kienet tinkludi 151 sustanza. Ara <http://echa.europa.eu/candidate-list-table>. Il-Kummissjoni stabbilixxiet Pjan ta' Azzjoni SVHC biex tiżgura li s-sustanzi kollha rilevanti jitniżżlu fil-lista sal-2020.

<sup>12</sup> L-Artikolu 31(3) tar-REACH: >1% bil-piż għal taħlitiet mhux gassużi u >0.2% bil-volum għal taħlitiet gassużi.

jekk tintalab minn utent downstream jew distributtur.

- It-tieni, skont l-Artikolu 33 tar-REACH, għall-prodotti għall-bini (li huma oġġetti), il-fornituri obbligati jikkomunikaw tul il-katina tal-provvista biżżejjed informazzjoni għal użu bla periklu - tal-inqas l-isem tas-sustanza - dwar sustanzi ta' tħassib għoli ħafna (SVHC) - jekk ikunu jinsabu f'konċentrazzjoni oġġetiva minn 0.1% piż/piż. L-istess informazzjoni għandha tiġi pprovduta wkoll lill-konsumaturi meta jitolbuha. Barra minn hekk, hija meħtieġa notifika lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) mill-produtturi/importaturi tal-oġġetti dwar il-preżenza ta' SVHC f'dawk l-oġġetti jekk iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin jintlaħqu:
  - l-SVHC jinsab fl-oġġetti fi kwantitajiet totali ta' aktar minn 1 tunnellata metrika għal kull produttur/importatur fis-sena, u
  - is-sustanza tinsab f'dawk l-oġġetti f'konċentrazzjoni ta' aktar minn 0,1% (piż b'piż).

In-notifika trid issir mhux aktar tard minn sitt xhur wara li sustanza partikolari SVHC tkun ġiet inkluża fil-Lista tal-Kandidati.

Il-produtturi u l-importaturi huma mħeġġa jaġġornaw in-notifika jekk l-informazzjoni li inkludew tkun inbidlet. Xi eżempji ta' dan it-tibdil jistgħu jkunu: tibdil fil-medda tat-tunnellaġġ, produzzjoni/importazzjoni ta' oġġetti differenti li fihom l-istess SVHC (b'użu differenti, pereżempju).

- U fl-aħħar nett, il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' ċerti sustanzi, taħlitiet u oġġetti perikolużi jistgħu jiġu ristretti, skont it-Titolu VIII tar-REACH<sup>13</sup>. Għadd ta' restrizzjonijiet fl-Anness XVII tar-REACH huma applikabbli fir-rigward tal-prodotti għall-bini: pereżempju l-annotazzjoni 19 dwar il-komposti tal-arseniku, l-annotazzjoni 31 dwar il-kreozotu jirrestrinġu l-użu tagħhom bħala preżervant tal-injam (iżda jippermettu ċerti derogi) u l-annotazzjoni 47 dwar il-kromju VI tirrestrinġi l-użu tiegħu fis-siment u taħlitiet li fihom is-siment (iżda tippermetti deroga għall-użu fi proċessi magħluqa kkontrollati u totalment awtomatizzati).

Fil-qosor, ir-Regolament tar-REACH jimponi għadd ta' obbligi fuq is-settur tal-bini peress li huwa applikabbli direttament għall-manifattura ta' materjali għall-bini jew il-komponenti kimiċi tagħhom, iżda wkoll għall-kumpaniji tal-bini downstream li jużaw sustanzi kimiċi fil-proċessi tal-bini. Barra minn hekk, l-informazzjoni dwar is-saħħa u l-ambjent pprovduta mir-REACH għandha tintuża fil-valutazzjoni tar-riskju tal-prodotti għall-bini.

Għalhekk jekk ir-reġistrant jikkonforma mar-Regolament tar-REACH, ikunu qed jiġu indirizzati r-riskji ta' ħsara għas-saħħa u għall-ambjent li jistgħu jiġu kkawżati minn espożizzjoni għal volum tiegħu rreġistrat tas-sustanza u matul l-użi rreġistrati, pereżempju waqt il-manifattura ta' materjali għall-bini, l-użu ta' materjali għall-bini li fihom sustanzi kimiċi fis-siti tal-bini, ir-rilaxx waqt l-użu tal-bini u r-rilaxx waqt it-twaqqiġ.

Ir-Regolament REACH mhux l-uniku regolament li jindirizza dawn ir-riskji. Ir-riskji ta' difetti fil-materjali jew ir-riskji li jirriżultaw minn użu skorrett mhumiex, b'mod ġenerali, indirizzati permezz tal-konformità mar-REACH, iżda permezz ta' leġiżlazzjoni oħra. Il-konformità mal-obbligu ta' reġistrazzjoni tar-REACH ma tkoprix ukoll kwistjonijiet marbuta

---

<sup>13</sup> Ara l-Anness XVII tar-Regolament REACH

mal-espożizzjoni aggregata jew tmiem il-ħajja, indirizzati għal ċerti inkwinanti permezz ta' aktar miżuri ta' ġestjoni tar-riskju tar-REACH bħal restrizzjonijiet u awtorizzazzjoni, leġislazzjoni settorjali tal-UE (pereżempju r-regolamentazzjoni ta' VOC fis-solventi u ż-żebgħat), livelli ambjentali, dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar, leġislazzjoni dwar l-iskart eċċ.

Fil-kuntest tal-effikaċja tar-REACH, il-Kummissjoni dan l-aħħar lestiet eżerċizzju ta' evalwazzjoni li jindirizza l-elementi kollha tar-REACH. Wara eżami bir-reqqa, filwaqt li nnutat li huwa kmieni wisq biex tevalwa l-impatt sħiħ billi mhux id-dispożizzjonijiet tagħha kollha huma operattivi<sup>14</sup>, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-REACH<sup>15</sup> jirriżulta li hu kompetenti fir-rigward tal-għanijiet kollha li jistgħu jiġu evalwati u ddeċidiet li ma tippromponi ebda tibdil fit-termini ta' promulgazzjoni tar-Regolament.

Madankollu, instabu xi oqsma ta' tħassib fir-rigward tal-impatt tar-REACH fuq l-SMEs. Il-Kummissjoni kkonkludiet li jeħtieġ li jitnaqqas l-impatt negattiv tar-REACH fuq dawk l-SMEs milquta mill-proċessi tar-REACH bħar-reġistrazzjoni u l-awtorizzazzjoni. Fir-rigward tas-settur tal-bini, dan huwa ta' rilevanza kbira billi ċerti kuntratturi żgħar tal-bini qed jiffaċċjaw sfidi marbuta mal-konformità mar-REACH. Il-Kummissjoni għarfet ukoll il-bżonn li titqajjem kuxjenza fost is-setturi downstream kollha, inkluż is-settur tal-bini, fir-rigward ta' fehim xieraq u konformità mal-obbligi tar-REACH.

## **4. Żviluppi u proċessi li huma mibnija fuq is-CPR**

### **4.1 Il-mekkaniżmu ta' armonizzazzjoni**

L-għan tas-CPR huwa li jikkonsolida s-Suq Intern tal-prodotti għall-bini billi jiżgura t-tneħħija ta' ostakoli tekniċi mhux iġġustifikati għall-kummerċ transkonfinali. Dan hu l-mekkaniżmu biex jinkiseb dan:

Is-CPR jipprovdi għall-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati li l-atturi kollha fis-settur tal-bini huma obbligati li jseguw:

- L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jesprimu l-ħtiġijiet tagħhom għall-użu tal-prodotti għall-bini fit-territorju tagħhom b'referenza għall-metodi ta' valutazzjoni (ibbażati fuq testijiet, kalkoli jew dispożizzjonijiet deskrittivi) u l-klassifikazzjonijiet stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati (Artikoli 8(3) sa (6) u 17(5) *in fine* tas-CPR).
- il-manifatturi għandhom jiddikjaraw il-prestazzjoni tal-prodotti tagħhom f'DoP bl-applikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati (Artikoli 4 u 8 tas-CPR). Din l-informazzjoni se ssir disponibbli għall-katina ta' provvista downstream kollha.
- l-inġiniera tad-disinn għandhom jippreskrivu l-prestazzjoni tal-prodotti li jridu jintużaw fix-xogħlijiet ta' bini billi jirreferu għall-istess speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati sabiex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti stipulati mill-awtoritajiet pubbliċi u mal-ħtiġijiet ta' prestazzjoni li jirriżultaw mill-għażliet tad-disinn.

<sup>14</sup> L-iskadenza għar-reġistrazzjoni għal sustanzi prereġistrati taħt 100t hija biss fl-2018. L-iżvilupp tal-Lista tal-Kandidati għall-awtorizzazzjoni jinsab fi stadju tajjeb, u l-ewwel talbiet ta' awtorizzazzjoni għadhom kemm ġew ipproċessati fl-2014. Iżda l-elementi kollha tal-evalwazzjoni tar-REACH huma diġà operattivi fis-sħiħ.

<sup>15</sup> COM (2013)49

- il-kuntratturi/l-utenti se jixtru l-prodotti għall-bini li jkollhom il-prestazzjoni meħtieġa għall-użu previst kif preskritt mill-inġinier tad-disinn, għal darb'oħra, abbażi tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati.

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati huma ddefiniti fl-Artikolu 2(10) tas-CPR bħala standards armonizzati u Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni.

L-istandards armonizzati huma elaborati mis-CEN/CENELEC abbażi ta' mandati maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea wara konsultazzjoni tal-awtoritajiet tal-Istati Membri u partijiet interessati oħra (manifatturi, korpi notifikati, konsumaturi, eċċ.).

L-għan ta' din il-konsultazzjoni wiesgħa huwa li jiġi żgurat li r-rekwiżiti leġislattivi kollha imposti fl-Istati Membri li jikkostitwixxu ostakoli għall-kummerċ jitqiesu fil-mandati li l-Kummissjoni tindirizza lis-CEN/CENELEC.

Il-Kumitati Tekniċi tas-CEN/CENELAC li jlaboraw l-ENs armonizzati jikkunsidraw il-mandati maħruġa ta' hawn fuq u għalhekk dawn ir-rekwiżiti regolatorji nazzjonali u Ewropej li għalihom diġà ġew żviluppati metodi ta' kejl/ittestjar u li qed jintużaw fil-livell nazzjonali jew tal-UE, jispiċċaw fl-ENs armonizzati. Għalhekk il-manifatturi jistgħu jiddikjaraw ir-rendiment tal-prodotti tagħhom fir-rigward ta' dawn ir-rekwiżiti. L-utenti finali tal-prodott għall-bini (il-kuntratturi, il-ħaddiema u l-konsumaturi bl-istess mod) jistgħu wkoll iqisu u jikkunsidraw din il-prestazzjoni, sabiex jiżguraw li kull prodott jintuża b' mod xieraq, jiġifieri meta biss il-prestazzjoni tiegħu tissodisfa l-eżiġenzi preskritti mid-disinjatur tax-xogħlijiet ta' bini inkwistjoni u stabbiliti skont id-dispożizzjonijiet regolatorji fis-seħħ fejn jintuża l-prodott.

#### **4.2 Kif jistgħu jiġu indirizzati l-ħtiġijiet regolatorji l-ġodda tal-Istati Membri?**

Jekk l-Istati Membri jqisu li huwa meħtieġ li jistabilixxu dispożizzjonijiet regolatorji ġodda dwar il-prestazzjoni ta' prodotti għall-bini, dawn għandhom jinnotifikaw l-abbozzi tar-regolamenti l-ġodda lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra permezz tal-proċedura stabbilita bid-Direttiva 98/34/KE. Dan jippermetti li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiġu informati dwar l-aspetti regolatorji ġġustifikati u biex jibdew il-proċedura biex jemendaw il-mandati skont dan, bl-għan li jinkludu t-tibdil meħtieġ fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati. Il-Kummissjoni tagħxi bl-istess mod f'każ li d-dispożizzjonijiet regolatorji tal-UE dwar ir-rendiment ta' ċerti prodotti għall-bini jiġu modifikati jew adottati fil-livell tal-UE.

Il-proċedura hawn fuq tiżgura li l-mandati u konsegwentement l-istandards armonizzati Ewropej jinżammu aġġornati mar-rekwiżiti nazzjonali ġġustifikati.

#### **4.3 Mir-Rekwiżiti Bażiċi Nru 3 u Nru 7 għal speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati**

Ir-Rekwiżiti Bażiċi għal Xogħlijiet ta' Bini tas-CPR (pereżempju bini u xogħlijiet ta' inġinerija ċivili) jinkludu r-Rekwiżit Nru 3 u r-Rekwiżit Nru 7 kif ġej:

*"3. Iġjene, saħħa u l-ambjent*

*Ix-xogħlijiet ta' bini għandhom ikunu ddisinjati u mibnija b'tali mod li ma jkunux, fiċ-ċiklu ta' ħajja kollu tagħhom, ta' theddida għall-iġjene jew għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema, tal-okkupanti jew il-ġirien, u lanqas ma jeżerċitaw impatt għoli żżejjed, tul iċ-ċiklu ta' ħajja kollu tagħhom, fuq il-kwalità tal-ambjent jew fuq il-klima matul il-bini tagħhom, l-użu u t-twaqqiġ tagħhom, b'mod partikolari bħala riżultat ta' wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) l-emissjoni ta' gass tossiku;*

- (b) l-emissjonijiet ta' sustanzi perikolużi, komposti organiċi volatili (VOC), gassijiet serra jew partiċelli perikolużi fl-arja ta' ġewwa jew ta' barra;
- (c) l-emissjoni ta' radjazzjoni perikoluża;
- (d) ir-rilaxx ta' sustanzi perikolużi fl-ilma ta' taħt l-art, l-ilma baħar, l-ilma tal-wieċ jew il-ħamrija;
- (e) ir-rilaxx ta' sustanzi perikolużi fl-ilma għax-xorb jew sustanzi li għandhom impatt negattiv ieħor fuq l-ilma għax-xorb;
- (f) ħsara fl-iskariku tal-ilma tal-iskart, l-emissjoni ta' gassijiet ta' kombustjoni jew ħsara fir-rimi ta' skart solidu jew likwidu;
- (g) umdità f'partijiet mix-xogħlijiet ta' bini jew fuq l-uċuħ fix-xogħlijiet ta' bini."

kif ukoll

#### 7. Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali

*Ix-xogħlijiet tal-bini jridu jkunu ddiżinjati, mibnija u mwaqqa' b'tali mod li l-użu tar-riżorsi naturali jkun sostenibbli, u b'mod partikolari li:*

- (a) wara t-twaqqiġ, jiżguraw l-użu mill-ġdid jew ir-riċiklabilità tax-xogħlijiet tal-bini, il-materjali u l-partijiet tagħhom;
- (b) jiżguraw id-durabbiltà tax-xogħlijiet tal-bini;
- (c) fix-xogħlijiet tal-bini, jiżguraw l-użu ta' materja prima u sekondarja li tkun kompatibbli mal-ambjent.

Skont dan il-qafas ta' dispożizzjonijiet l-Istati Membri jirregolaw is-sustanzi perikolużi fit-tul, b'mod partikolari.

Għalkemm ir-Rekwiżit Bażiku Nru 3 jirreferi għal emissjoni/rilaxx ta' sustanzi perikolużi, sabiex ikunu żgurati emissjonijiet limitati mill-prodotti għall-bini u jinġiebu metodi razzjonali għall-valutazzjoni ta' dawn l-emissjonijiet, hemm fis-seħħ dispożizzjonijiet regolatorji li jirreferu għall-kontenut ta' sustanzi perikolużi fihom.

#### 4.3.1 Dispożizzjonijiet fl-istandards armonizzati:

Sabiex tipprovdi informazzjoni lill-manifatturi u l-istandardizzaturi u biex jittaffew id-diffikultajiet li jinqalgħu mid-disparità tad-dispożizzjonijiet nazzjonali matul il-perjodu meta l-metodi ta' valutazzjoni Ewropej ikunu qed jiġu elaborati, il-Kummissjoni ħolqot dejtabejż disponibbli fuq l-internet: <http://ec.europa.eu/enterprise/construction/cpd-ds/index.cfm>

Id-dejtabejż fiha d-dispożizzjonijiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri li taw kontribut għal dan l-eżerċizzju. Il-bażi tad-dejta tgħin lill-manifatturi li jkollhom bżonn jiddikjaraw ir-rendiment tal-prodotti tagħhom f'dawn l-Istati Membri.

Għall-elaborazzjoni tal-metodi ta' valutazzjoni Ewropej li jirrigwardaw sustanzi perikolużi, fl-2005 l-Kummissjoni ħarġet il-Mandat M/366 lis-CEN/CENELEC (abbażi tad-Direttiva 89/106/KEE), biex titlob li jiġu żviluppati metodi ta' valutazzjoni orizzontali għal sustanzi perikolużi.

Il-klawżola IV.7 tal-mandat tistipula li:

*"L-iżvilupp tal-istandards ta' qies/test orizzontali għandu ... jidentifika u jkopri l-prodotti kollha jew il-familji ta' prodotti li għalihom jintlaħqu dawn it-tliet kondizzjonijiet li ġejjin:*

- *Ir-regolamenti Ewropej jew nazzjonali qed jillimitaw jew jipprojbixxu l-emissjoni jew il-kontenut ta' sustanzi perikolużi;*
- *Ġew identifikati ostakli attwali jew potenzjali għall-kummerċ;*
- *Il-metodi ta' kejl/ttestjar għal dawn is-sustanzi perikolużi speċifikati u regolati diġà ġew żviluppati u huma użati fuq skala nazzjonali jew fuq livell tal-UE.”*

Il-klawżola IV.9 tal-mandat tistipula li:

*"Minħabba rekwiżiti regulatorji (eż. il-kontenut ta' sustanzi ristretti u pprojbiti fil-prodotti għall-bini)... hemm ukoll il-ħsieb li jiġu kkunsidrati standards ta' kejl/test tal-kontenut."*

L-Anness 3 tal-Mandat M/366 jiddefinixxi “Termini tekniċi ta’ referenza għal standards statutorji ta' kejl/test ddedikati għall-kontenut ta' sustanzi perikolużi fil-prodotti għall-bini.”

Għalhekk il-Kummissjoni talbet lis-CEN/CENELEC biex jiżviluppaw metodi ta' valutazzjoni għal sustanzi perikolużi rregolati jew permezz ta' leġiżlazzjoni nazzjonali jew permezz ta' leġiżlazzjoni Ewropea.

Il-Kumitat Tekniku TC/351 tas-CEN wettaq ix-xogħol mitlub bil-Mandat M/366. F'Jannar 2014 il-Kumitat Tekniku ffinalizza d-dokumenti li ġejjin:

- CEN/TS 16516:2013:** Prodotti għall-bini - Valutazzjoni ta' rilaxx ta' sustanzi perikolużi - Determinazzjoni ta' emissjonijiet fl-arja ta' ġewwa
- CEN/TR 16496:2013:** Prodotti għall-bini - Valutazzjoni ta' rilaxx ta' sustanzi perikolużi - Użu ta' metodi ta' valutazzjoni orizzontali armonizzati
- CEN/TR 16410:2012:** Prodotti għall-bini - Valutazzjoni ta' rilaxx ta' sustanzi perikolużi - Ostakli għall-użu - Estensjoni għas-CEN/TR 15855 Ostakli għall-kummerċ.
- CEN/TR 16220:2011:** Prodotti għall-bini - Valutazzjoni ta' rilaxx ta' sustanzi perikolużi - Komplement għat-teħid ta' kampjuni.
- CEN/TR 16098:2010:** Prodotti għall-bini: Valutazzjoni ta' rilaxx ta' sustanzi perikolużi - Kunċett ta' proċeduri ta' ttestjar orizzontali b'appoġġ tar-rekwiżiti skont is-CPD.
- CEN/TR 16045:2010:** Prodotti għall-bini - Valutazzjoni ta' rilaxx ta' sustanzi perikolużi - Kontenut ta' sustanzi perikolużi rregolati - Għażla ta' metodi analitiċi.
- CEN/TR 15858:2009:** Prodotti għall-bini - Valutazzjoni tar-rilaxx ta' sustanzi perikolużi minn prodotti għall-bini abbażi tal-proċeduri WT/WFT.
- CEN/TR 15855:2009:** Prodotti għall-bini - Valutazzjoni ta' rilaxx ta' sustanzi perikolużi - Ostakli għall-kummerċ.

Il-lista ta' temi ta' xogħol li għadhom ma ġewx finalizzati tinsab fis-sit elettroniku:

[http://standards.cen.eu/dyn/www/f?p=204:22:0:::FSP\\_ORG\\_ID,FSP\\_LANG\\_ID:510793,25&cs=135BD767027D4B4E081006EF46B5E957C](http://standards.cen.eu/dyn/www/f?p=204:22:0:::FSP_ORG_ID,FSP_LANG_ID:510793,25&cs=135BD767027D4B4E081006EF46B5E957C)

Bħala pass ieħor lejn l-armonizzazzjoni, il-Kummissjoni rrevediet għadd ta' mandati CEN għall-prodotti għall-bini sabiex tibda l-proċedura għall-aġġornar ta' standards armonizzati ta'

prodotti billi tintroduċi l-metodi ta' valutazzjoni fuq sustanzi perikolużi li huma żviluppati taħt il-Mandat M/366.

Issir enfasi speċjali biex jiġu identifikati eżattament ir-regolamenti nazzjonali kollha dwar il-kontenut u/jew l-emissjoni minn prodotti għall-bini (lista indikattiva ta' sustanzi u regolamenti hija inkluża fil-mandati kollha bħala l-Anness II) u r-rilevanza tagħhom għal prodotti għall-bini.

Barra minn hekk, kull emenda fil-mandati tas-CEN attwali (għall-elaborazzjoni ta' standards armonizzati għall-prodotti għall-bini) tinkludi fl-Anness I lista ta' sustanzi għal kull standard tal-prodotti u referenza għar-rekwiżiti regolatorji nazzjonali rilevanti.

Is-servizzi tal-Kummissjoni qqed jaħdmu id f'id mill-qrib mal-Istati Membri biex jidentifikaw dawk il-karatteristiċi essenzjali fir-rigward tar-Rekwiżit Bażiku Nru 7 (pereżempju marbuta mar-riċiklabilità tal-prodotti għall-bini, materja prima kompatibbli mal-ambjent, eċċ). Il-ħtiġijiet kollha marbuta mas-sustanzi perikolużi identifikati fir-Rekwiżit Bażiku Nru 7 se jiġu koperti wkoll skont il-mandat M366.

Il-Kummissjoni żviluppat ukoll oqfsa ta' armonizzazzjoni (kriterji u metodoloġiji) għat-tikketar u l-evalwazzjoni abbażi tas-saħħa tal-emissjonijiet fuq ġewwa tal-prodotti għall-bini<sup>16</sup>. Dawn l-oqfsa ġew żviluppata f'konformità mar-Rekwiżit Bażiku Nru 3 tas-CPR, is-CEN/TS 16516:2013 u d-dokumenti ta' gwida tar-REACH u fil-ġejjieni jistgħu jiġu kkunsidrati għall-konverġenza u l-armonizzazzjoni ta' skemi tat-tikketar fl-Ewropa.

#### 4.3.2 Dispożizzjonijiet għall-ħruġ tal-ETA (għall-prodotti li mhumiex koperti minn standards armonizzati):

Għal prodotti li mhumiex koperti jew mhumiex totalment koperti minn standards armonizzati, il-manifattur jista', b'konformità mal-Artikolu 19(1) tas-CPR, jibgħat talba biex jikseb Valutazzjoni Teknika Ewropea (ETA). L-ETA tinħareġ minn wieħed mill-Korpi Tekniċi ta' Valutazzjoni maħtura għal dan il-għan mill-Istati Membri.

Sabiex tiddetermina l-valutazzjonijiet meħtieġa għal prodotti li mhumiex koperti minn standards armonizzati, l-EOTA (l-organizzazzjoni tat-TABs) ġabret id-dispożizzjonijiet nazzjonali marbuta mal-kontenut ta' sustanzi perikolużi u użat wkoll l-informazzjoni rilevanti disponibbli fis-CEN. B'hekk setgħet tiġi elaborata lista ta' kontroll li l-korpi tal-EOTA japplikaw għall-valutazzjoni tal-prodott sabiex tinħareġ Valutazzjoni Teknika Ewropea.

L-imsemmija lista ta' kontroll tinsab fi [www.eota.eu](http://www.eota.eu) bhala "EOTA Technical Report 34: Checklist for ETAGs/CUAPs/ETAs - Content and/or release of dangerous substances in products/kits".

## **5. Ir-riżultati tal-istudju dwar il-ħtiġijiet speċifiċi għal informazzjoni dwar il-kontenut ta' sustanzi perikolużi fit-tul fil-prodotti għall-bini u diskussjoni**

<sup>16</sup> Ir-Rapport JRC ECA Nru 29: "Harmonisation framework for health based evaluation of indoor emissions from construction products in Europe (EU-LCI)", EUR 26168 EN, 2013.

Ir-Rapport JRC ECA Nru 27: "Harmonisation framework for indoor products labelling schemes in EU", EUR 25276 EN, 2012.

## 5.1 Il-qafas tal-istudju

Il-Kummissjoni akkwistat l-istudju "**Study on specific needs for information on the content of dangerous substances in construction products**" (Studju dwar ħtiġijiet speċifiċi għal informazzjoni dwar il-kontenut ta' sustanzi perikolużi fil-prodotti għall-bini) bl-għan ġenerali li jiġi identifikat jekk teżistix ħtieġa għall-manifatturi biex jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar il-kontenut ta' sustanzi perikolużi fil-prodotti għall-bini. Dan ġie eżaminat fil-kuntest tal-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà ta' mhux biss ħaddiema li jinstallaw/jużaw prodotti għall-bini iżda wkoll tal-persuni kollha li jgħixu f'bini u jużaw xogħlijiet ta' inġinerija ċivili matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tagħhom.

Għalhekk l-għan ewlieni tal-istudju kien li jippreżenta informazzjoni dwar skemi ta' ċertifikazzjoni u ta' tikkettar għall-prodotti għall-bini li jevalwaw il-kontenut ta' sustanzi perikolużi fit-tul fil-prodotti għall-bini. Huwa ma għamilx valutazzjoni tal-impatt ta' skemi individwali fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema u l-utenti tax-xogħlijiet tal-bini, jew l-ispejjeż tal-implimentazzjoni. L-istudju wkoll ma tkixxifx dwar l-aspett tal-estensjoni tal-informazzjoni fuq il-kontenut ta' sustanzi oħra jew kwistjonijiet ta' riċiklaġġ/użu mill-ġdid.

Biex jilhq u l-għanijiet tiegħu u jiżguraw li l-iskemi u l-leġiżlazzjoni kollha rilevanti ġew ikkunsidrati, il-kuntratturi (RPA u Tecnalia) ħadu impenn li jwettqu reviżjoni estensiva tat-testi tal-leġiżlazzjoni rilevanti u tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni/tikkettar. Safejn huwa possibbli ġiet eżaminata l-leġiżlazzjoni Ewropea u nazzjonali li fiha dispożizzjonijiet dwar il-kontenut ta' sustanzi perikolużi fit-tul fil-prodotti għall-bini. Barra minn hekk, il-kuntrattur li tqabba jagħmel l-istudju qies sorsi oħra ta' informazzjoni, inklużi r-reazzjonijiet tal-partijiet interessati għall-eżerċizzju ta' konsultazzjoni li sar minħabba l-istudju.

Barra minn hekk, aktar minn 300 parti interessata ġew mistiedna jipparteċipaw f'eżerċizzju ta' konsultazzjoni onlajn. Saru wkoll żewġ sessjonijiet ta' ħidma fi Brussell, biex it-tim involut fl-istudju jiġbor informazzjoni addizzjonali minn assoċjazzjonijiet ewlenin tal-industrija u mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, li xi wħud minnhom jamministraw l-iskemi analizzati.

L-analiżi ffukat fuq jekk l-iskemi attwali kinux bbażati fuq l-iffissar ta' rekwiżiti ġenerali biss, u jekk dawn kinux qed iqisu l-użi intiżi speċifiċi tal-prodotti. Meta kien xieraq l-istudju eżamina wkoll kif ir-riskji għall-konsumaturi, il-ħaddiema u l-ambjent ġew iddefiniti fi hdnhom u liema sustanzi kif ukoll xenarji ta' riskju ntgħażlu.

L-enfasi kienet fuq skemi pubbliċi u privati bħal:

- Leġiżlazzjoni jew prattiki amministrattivi tal-Unjoni Ewropea li jesigū valutazzjoni u/jew dikjarazzjoni tal-kontenut ta' sustanzi perikolużi partikolarment fil-prodotti għall-bini (eż. id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb jew gwida teknika dwar l-Akkwisti Pubbliċi Ekoloġiċi);
- Leġiżlazzjoni nazzjonali jew reġjonali jew prattiki amministrattivi fl-Istati Membri, li jeħtieġu valutazzjoni u/jew dikjarazzjoni tal-kontenut ta' sustanzi perikolużi fit-tul b'mod partikolari fil-prodotti għall-bini;
- Skemi pubbliċi u privati li qed jintużaw bħalissa f'dawn il-pajjiżi wkoll għal prodotti għall-bini fil-livell nazzjonali u reġjonali (eż. Blauer Engel, Nordic Swan).

L-emissjoni ta' sustanzi perikolużi fit-tul minn prodotti għall-bini ma kinitx suġġett ta' dan l-istudju. Kif ġie spjegat fil-Kapitoli preċedenti ta' dan ir-rapport, dan l-aspett huwa kopert



mix-xogħol ta' standardizzazzjoni Ewropea f'dan il-qasam, u se jitqies bħala parti mill-obbligi ta' dikjarazzjoni tal-prestazzjoni.

Fl-istess analiżi ta' sistemi purament marbuta mal-kontenut, il-kuntrattur eżamina kif il-kontenut ta' sustanzi perikolużi fit-tul ġie identifikat (eż. dikjarazzjoni tal-manifattur, kontroll tal-parti terza, l-użu ta' tikketti speċifiċi). Ir-rapport investigata wkoll liema prodotti għall-bini kienu effettivament koperti minn dawn l-iskemi: Kemm kien rilevanti l-użu maħsub ta' dawn il-prodotti fi ħdan bini (xogħlijiet ta' inġinerija ċivili) waqt l-iffissar tar-rekwiżiti u l-għażla tas-sustanzi li jridu jiġu ddikjarati? F'każ li jintużaw metodi ta' ttestjar, liema metodi ntużaw (eż. koperti minn standards internazzjonali (standards ISO), minn standards Ewropej (standards EN) jew minn standards nazzjonali, testijiet żviluppati minn fornituri ta' skemi)? Kemm jiġu ttestjati spiss il-prodotti skont dawn l-iskemi? Kif jintgħażlu l-korpi jew il-korpi ta' ċertifikazzjoni (huma speċjalizzat għal prodotti għall-bini jew b'mod ġenerali għal firxa usa)? X'passi ttieħdu biex tiġi żgurata valutazzjoni affidabbli u newtrali tal-prodotti?

Fil-kuntest iktar ġenerali, l-istudju eżamina l-kwantità u l-kwalità tal-informazzjoni pprovduta għall-utenti downstream:

- Ingħatat il-lista sħiħa tas-sustanzi mad-dikjarazzjoni tal-prodott? L-informazzjoni hija aggregata?
- Min ħa r-responsabilità finali għad-dikjarazzjoni korretta?
- Kien hemm identifikazzjoni ta' xi għan ċar u li jista' jitkejjel (eż. it-tnaqqis ta' sustanzi użati fi prodotti, inqas każijiet ta' mard minħabba l-effetti ta' sustanzi perikolużi fit-tul fil-prodotti għall-bini)?
- Kif ġew stabbiliti dawn l-għanijiet?
- Kemm ta' spiss ġew evalwati?

Ir-rapport finali tal-istudju huwa disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit elettroniku:

[http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/construction/studies/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/construction/studies/index_en.htm)

## 5.2 Sejbiet tal-istudju

### 5.2.1 Skemi marbuta mal-bini bi kriterji dwar il-kontenut

L-enfasi tal-istudju kienet fuq skemi li għandhom kriterji ta' kontenut biss. Madankollu, minħabba l-fatt li skema waħda biss ġiet identifikata li tiffoka biss fuq il-kontenut tal-prodotti, l-istudju kkunsidra wkoll l-iskemi doppji, jiġifieri dawk li jiddependu fuq taħlita ta' approċċi bbażati fuq il-kontenut u l-emissjonijiet. B'dan bħala għan, 30 skema ġew identifikati li jidher li a) stabbilixxew rekwiżiti li huma speċifiċi għal prodotti għall-bini u b) jikkunsidraw il-kontenut tal-prodott.

Dawn l-iskemi huma elenkati fit-tabella ta' hawn taħt. Skemi li għandhom biss kriterji ta' emissjonijiet u skemi li ma stabbilixxewx kriterji speċifiċi għall-prodotti għall-bini ma kinux koperti mir-rapport finali tal-istudju.

<b>L-iskemi kkunsidrati fl-istudju</b>	
AENOR Medioambiente	Milieukeur
Architettura Naturale (ANAB)	Natureplus

<b>L-iskemi kkunsidrati fl-istudju</b>	
Association of Environmentally Friendly Carpets (GUT)	NF Environment
Austrian Institute for Health and Ecological Building (IBO)	Nordic Swan
BASTA	SundaHus Miljödata
Blue Angel	BRE Environmental Assessment Method (BREEAM)
BRE Global	DGNB System
Byggvarubedömningen (BVB)	Eco Green Building
Cradle to Cradle	L-Ekotikketta Ewropea
DGNB Navigator	L-Ekotikketta (Nazżjonali) tal-Awstrija
Ecocycle Council – Building Product Declaration (BPD3)	El Distintiu (L-Ekotikketta tal-Katalonja)
Eco-Institut Label	L-Ekotikketta (Nazżjonali) tal-Kroazja
ECOproduct	L-Ekotikketta (Nazżjonali) tar-Repubblika Ċeka
EMICODE	L-Ekotikketta (Nazżjonali) tal-Ungerija
GISCODE	L-Ekotikketta (Nazżjonali) tas-Slovakkja

It-30 skema identifikati huma differenti ħafna f'termini ta' għanijiet, ambitu, kriterji u proċeduri.

### 5.2.2 Għanijiet tal-Iskemi

L-għanijiet tal-maġġoranza kbira tal-iskemi identifikati huma usa' milli kieku ssir enfasi biss fuq is-saħħa tal-ħaddiema fil-bini u l-utenti tal-prodotti għall-bini. Il-biċċa l-kbira tal-iskemi huma mmotivati minn sensiela ta' kunsiderazzjonijiet. Barra minn hekk, xi skemi huma għodod indipendenti, filwaqt li oħrajn jikkomplementaw sistemi li jiċċertifikaw binjiet sħaħ. Differenza kruċjali oħra tirrigwarda l-klijenti fil-mira tat-30 skema, jiġifieri jekk ikunux immirati għal professjonisti, konsumaturi jew it-tnejn li huma. Sa ċertu punt, id-differenzi fl-għanijiet jispjegaw l-approċċi li jvarjaw minn xulxin adottati minn skemi differenti u f'xi każijiet jistgħu jispjegaw l-inklużjoni ta' kriterji marbuta mal-kontenut.

### 5.2.3 Kopertura Ġeografika

Il-biċċa l-kbira tal-iskemi huma prinċipalment użati fl-Istat Membru ta' orġini tagħhom u sa ċertu punt f'pajjiżi oħra. L-iktar skema applikata hija l-Blue Angel li tintuża f'21 pajjiż Ewropew. Din il-firxa ġeografika tista' tkun riżultat ta' espansjoni intenzjonata fi swieq oħra iżda tista' sseħħ ukoll spontanement meta l-iskemi jespandu b'mod mingħajr kontroll minħabba d-domanda mix-xerrejja ta' prodotti għall-bini. Kważi nofs l-iskemi joriġinaw minn żewġ pajjiżi (il-Ġermanja u l-Isvezja) u dan possibbilment jirrifletti livell għoli ta' għarfien fir-rigward tas-saħħa tal-bniedem u kwistjonijiet ambjentali.

### 5.2.4 Kopertura tal-Prodott

Skema waħda biss (IBO) tiċċertifika esklużivament prodotti għall-bini. Il-firxa ta' prodotti ċċertifikati mill-iskemi li jifdal hija varjabbli, għalkemm ġew identifikati xi tendenzi. Meta titqabbel il-perċentwali relattiva ta' prodotti għall-bini ċċertifikati mill-iskemi, dawk l-iskemi li fil-biċċa l-kbira jintużaw minn professjonisti għandhom it-tendenza li jiċċertifikaw

peċentwali oġhla ta' prodotti għall-bini.

Il-perċentwali tal-prodotti għall-bini ċċertifikati mill-Ekotikketti hija ħafna iktar baxxa. Din mhix sorpriża peress li l-għan ġenerali ta' dawn l-iskemi huwa li jiġu promossi l-prodotti li jkollhom impatt ambjentali aktar baxx meta mqabbla ma' prodotti ekwivalenti. Minħabba dan l-ambitu wiesa', il-prodotti ċċertifikati skont dawn l-iskemi jvarjaw minn toner u cartridges għall-kisi għall-art tal-injam. Din il-firxa wiesgħa ta' prodotti tispjega għala l-kriterji skont dawn l-iskemi huma speċifiċi għall-prodott.

Il-prodotti għall-bini li aktarx li l-aktar jiġu ċċertifikati minn skema huma prodotti għall-kisi tal-art, insulazzjoni, konkrit, tikkil u ħalib tat-tikkil. Il-prodotti għall-kisi tal-art huma forsi daww li l-aktar għandhom ċans li jiġu ċċertifikati minħabba li dawn il-prodotti jistgħu jiġu kkummerċjalizzati skont skemi differenti li jappellaw kemm għas-suq professjonali kif ukoll tal-konsumatur.

### 5.2.5 Sustanzi Meqjusa

Il-maġġoranza l-kbira tal-iskemi jiddefinixxu s-sustanzi li huma ristretti filwaqt xi wħud jirreferixxu għal-leġiżlazzjoni Ewropea (l-aktar ta' spiss għar-REACH, jew għad-Direttiva dwar is-Sustanzi Perikolużi 67/548/KEE<sup>17</sup>, jew għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008<sup>18</sup> dwar il-Klassifikazzjoni, it-Tikkettar u l-Imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet) jew għar-regolamenti nazzjonali. Xi sustanzi jidher li huma mira popolari għal ħafna skemi. Bħala eżempju, dawn jinkludu sustanzi kklassifikati bħala karċinoġeni, mutaġeniċi, tossiċi għar-riproduzzjoni, sustanzi organiċi persistenti li jniġġsu, metalli tqal u ftalati.

### 5.2.6 Kriterji/Proċeduri ta' Valutazzjoni

Ħames skemi fl-istudju tal-każ jiddependu fuq approċċi diversi għall-valutazzjoni tal-konformità, u dan jirrifletti d-differenzi fl-oġġettivi u r-rwoli tagħhom. B'mod ġenerali, l-approċċi possibbli biex jiġu evalwati l-kriterji bi skemi ta' ċċertifikazzjoni u ta' ttikkettar jinkludu:

- awtoċertifikazzjoni sħiħa jew parzjali mill-manifattur;
- eżami ta' dokumenti pprovduti mill-manifattur, inklużi formoli ta' applikazzjoni u skedi ta' dejta dwar is-sikurezza mill-organizzatur tal-iskema; dan jista' jinvolve li tintalab informazzjoni addizzjonali mingħand il-manifattur u jista' jkun meħtieġ li l-manifatturi jittestjaw il-prodotti tagħhom; kif ukoll
- testijiet imwettqa minn korp indipendenti.

Ċerti skemi jiddependu fuq l-awtoċertifikazzjoni mill-manifattur filwaqt li oħrajn jeħtieġu li l-prodotti li japplikaw għal ċċertifikazzjoni jgħaddu minn ittestjar. Barra minn hekk, il-proċedura ta' approvazzjoni għal ċerti skemi tinvolvi spezzjoni fis-sit tal-produttjoni. B'mod aktar ġenerali, huwa evidenti li xi skemi jużaw biss wieħed minn dawn l-approċċi u li ħafna jiddependu fuq taħlita ta' metodi ta' valutazzjoni u proċeduri differenti (eż. fl-ewwel stadju l-valutazzjoni tista' tinvolvi l-eżami ta' dokumentazzjoni pprovduta mill-manifattur, segwit minn ittestjar indipendenti sabiex tiġi ddeterminata l-konformità ma' ċerti kriterji).

<sup>17</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u t-tikkettar ta' sustanzi perikolużi (ĠU 196, 16.8.1967, p.1). Trid tiġi revokata sal-1 ta' Ġunju 2015 bir-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

<sup>18</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006, (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

### 5.2.7 Modi kif titwassal il-“konformità”

Ġew identifikati żewġ metodi ewlenin. L-ewwel wieħed (użat minn 75 % tal-iskemi) huwa l-użu ta' logo jew tikketta li tidher fuq il-prodott, l-imballaġġ, dokumenti li jakkumpanjaw jew fuq il-letteratura kummerċjali. It-tieni, 64% tal-iskemi jippubblikaw lista ta' prodotti ċċertifikati onlajn.

### 5.2.8 Gradi safejn jiġu applikati l-iskemi

L-iskemi differenti ġew applikati fi gradi differenti. Bħalissa l-BASTA (abbażi tal-kontenut) tkopri madwar 80,000 prodott, filwaqt li skemi oħra ġew applikati biss għal ftit prodotti għall-bini. Sa ċertu punt dan jista' jkun riżultat ta' approċċi differenti fir-reġistrazzjoni tal-prodotti u tal-ħin li fih l-iskema tkun qed tiġi addattata (eż. BASTA tiddependi fuq l-awtoċertifikazzjoni mill-manifattur u ilha teżisti mill-2007).

### 5.2.9 Il-Leġiżlazzjoni Nazzjonali u tal-UE

L-istudju identifika biss ftit eżempji ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li jiffokaw primarjament fuq il-kontenut ta' sustanzi potenzjalment perikolużi fit-tul fil-prodotti għall-bini. Fejn teżisti leġiżlazzjoni bħal din, jiġi applikat approċċ imħallat: għal xi sustanzi jew gruppi ta' sustanzi jiġu imposti limiti ta' emissjoni; għal oħrajn, il-kontenut tas-sustanza fil-prodott 'il fuq minn ċertu valur massimu. L-iktar magħruf huwa probabbli r-rekwiżit tat-tikkettar għall-prodotti għall-bini li huma wkoll sustanzi u taħlitiet li jaqgħu taħt ir-regolamentazzjoni CLP<sup>18</sup>.

F'termini ta' kopertura tal-prodott, xi leġiżlazzjoni tiffoka fuq prodotti għall-bini individwali filwaqt li leġiżlazzjoni oħra tkopri firxa ta' prodotti għall-bini.

F'termini ta' identifikazzjoni ta' sustanzi regolati, il-leġiżlazzjoni jew tirreferi għal gruppi ta' sustanzi jew issemmi sustanzi speċifiċi. Il-miżuri mitluba fil-leġiżlazzjoni jistgħu jvarjaw ukoll, b'xi leġiżlazzjoni li tirristrinġi sustanzi msemmija filwaqt li leġiżlazzjoni oħra teħtieġ id-dikjarazzjoni ta' sustanzi bħal dawn.

### 5.2.10 Approċċ abbażi tal-kontenut - diskussjoni

Barra mid-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, l-istudju identifika 30 skema ta' ċertifikazzjoni u tikkettar li jkopru prodott għall-bini u għandhom fost l-oħrajn kriterji abbażi tal-kontenut. Madankollu, waħda biss tiddependi għall-kombinazzjonijiet kollha ta' prodott/sustanza unikament fuq rekwiżiti marbuta mal-kontenut (BASTA) billi probabbilment l-itteżjar tal-emissjonijiet jaf ikun ikkumplikat, għali u jeħtieġ għarfien espert estern.

L-importanza li jiġu vvalutati l-emissjonijiet mill-prodotti hija pjuttost rikonnoxxuta b'mod ġenerali u xi wħud mill-partijiet interessati kkonsultati nnotaw li, anke għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, it-testijiet ta' lissija attwali jistgħu jkunu aktar affidabbli mill-informazzjoni kkompileta bbażata fuq il-kontenut.

Madankollu l-informazzjoni dwar il-kontenut tas-sustanzi fil-prodotti huwa wkoll komponent importanti tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE, b'mod partikolari fejn għandu x'jaqsam ma' restrizzjonijiet u l-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib għoli ħafna (SVHC). Għalkemm huwa importanti ħafna fl-appoġġ tal-għanijiet tal-UE fil-livell għoli tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, l-ambitu ristrett tas-CPR ma jservix ta' mezz ta' forniment sistematiku ta' informazzjoni dwar il-kontenut tas-sustanzi fil-prodotti għall-bini. Madankollu, informazzjoni bħal din tista' sservi biex pereżempju permezz ta' għażliet infurmati tal-konsumatur, tippromwovi l-iżvilupp u l-użu ta' prodott għall-bini favur l-ambjent jew l-użu sostenibbli ta' riżorsi fost l-oħrajn permezz tar-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid. L-istudju ma ppruvax jiżviluppa skema tiegħu stess jew li jevalwa l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-

estensjoni tal-obbligi attwali permezz ta' waħda minn dawn l-iskemi.

#### 5.2.11. Impatt fuq il-manifatturi, b'mod partikolari l-SMEs

Mill-konsultazzjoni mal-manifatturi tal-prodotti għall-bini permezz tal-kwestjonarju onlajn u matul id-diskussjoni tas-sejbiet tal-istudju ħareġ ċar li l-manifatturi jqisu li kwalunkwe estensjoni tal-obbligi tagħhom dwar il-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar sustanzi perikolużi fit-tul lill-katina tal-provvista downstream jikkostitwixxu piż mhux iġġustifikat, b'mod partikolari għall-SMEs.

## **6. Konklużjonijiet**

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati attwali għall-prodotti għall-bini jkopru l-aspetti kollha tal-prestazzjoni tal-prodott fir-rigward tad-dispożizzjonijiet regolatorji dwar is-sustanzi perikolużi fit-tul fis-seħħ bħalissa fil-livell nazzjonali u fil-livell Ewropew.

Ix-xogħol ta' standardizzazzjoni li ttieħed skont il-Mandat M/366 għall-elaborazzjoni tal-metodi ta' valutazzjoni Ewropea jkopri wkoll dispożizzjonijiet regolatorji nazzjonali jew Ewropej marbuta mal-kontenut. L-istandardizzaturi (CEN) mistennija jintroduċu dalwaqt dawn il-metodi ta' valutazzjoni fl-istandards armonizzati Ewropej u l-korpi tal-EOTA se jużawhom ukoll fid-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni (EADs).

Għalhekk il-manifattur huwa f'qagħda li jinforma dwar il-prestazzjoni meħtieġa tal-prodott, inkluż, meta jkun xieraq, il-kontenut ta' sustanzi perikolużi fit-tul, permezz tad-DoP. Dan jiżgura d-disponibilità ta' din l-informazzjoni għall-utenti downstream kollha tal-prodott. Il-manifattur huwa obligat bis-CPR li flimkien mad-DoP jipprovdi l-informazzjoni mitluba fl-Artikolu 31 (Skeda tad-Dejta tas-Sikurezza għal prodotti li huma minnhom infushom sustanzi jew taħlitiet perikolużi fit-tul<sup>19</sup>), jew l-Artikolu 33 (biżżejjed informazzjoni li tippermetti użu bla periklu, inkluż bħala minimu isem is-sustanza, meta l-prodott ikun fih sustanza SVHC f'konċentrazzjoni oġġla minn 0.1% fil-piż) tar-Regolament REACH.

Skont l-Artikolu 6(5) tas-CPR din l-informazzjoni trid tiġi pprovduta flimkien mad-DoP. Għaldaqstant din l-informazzjoni (l-Iskedi ta' Dejta ta' Sikurezza għal sustanzi perikolużi jew informazzjoni dwar sustanzi perikolużi li jinsabu fil-prodott għall-bini) takkumpanja lill-prodott għall-bini fl-istadji kollha tal-katina tal-provvista sal-utent finali (il-kuntrattur, il-ħaddiem u l-konsumatur).

L-informazzjoni marbuta mar-REACH li l-manifattur jaf ikollu jipprovdi tqis il-protezzjoni tal-utenti, tal-ħaddiema u tal-konsumaturi. Kull estensjoni futura tar-Regolament REACH biex tkopri sustanzi ġodda se tapplika awtomatikament ukoll għall-obbligu li l-manifatturi ta' prodotti għall-bini jxerrdu l-informazzjoni rilevanti, u b'hekk jinżamm il-pass mal-progress xjentifiku.

Bl-istess mod, il-mandat M366 u l-iżvilupp sussegwenti tal-istandards li jridu jintużaw għad-dikjarazzjoni tar-rendiment tal-prodott għall-bini se jkun qed isegwu kull żvilupp nazzjonali u tal-UE fis-settur.

Meta wieħed jikkonsidra li l-informazzjoni li trid tingħata hija ristretta għall-informazzjoni

---

<sup>19</sup> Għall-kamp ta' applikazzjoni fid-dettall tal-Artikolu 31 tar-REACH ara l-Kapitolu 3.

skont l-Artikoli 31 u 33 tar-REACH u n-nuqqas ta' leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-UE li espliċitament titlob il-kopertura ta' informazzjoni addizzjonali skont d-DoP, l-obbligi skont is-CPR fil-mument ma jikkostitwixxux mezz ta' forniment ta' informazzjoni dwar il-kontenut ta' kull sustanza perikoluża fil-prodotti kollha għall-bini lill-utenti peress li Skeda tas-Sikurezza tad-Dejta tingħata biss flimkien ma' DoP meta r-REACH jitlob dan.

Id-DoP ippreżentata flimkien mal-informazzjoni skont ir-REACH kif mifhmum skont l-Artikolu 6(5) tas-CPR tista' tkun għodda utli biex tissodisfa, pereżempju permezz ta' għażliet informati tal-utent u l-konsumatur, l-għanijiet tal-livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, jew l-użu sostenibbli tar-riżorsi permezz tar-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid, fost oħrajn.

L-istudju indipendenti dwar il-ħtiġijiet speċifiċi għal informazzjoni dwar il-kontenut ta' sustanzi fil-prodotti għall-bini identifika għadd ta' skemi u dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jużaw l-informazzjoni dwar il-kontenut ta' sustanza fil-prodotti. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-iskemi japplikaw approċċ ikkombinat ta' kontenut/emissjoni b'enfasi partikolari fuq l-emissjonijiet mill-prodotti għall-bini. Billi l-istudju twettaq effettivament biss bħala stħarriġ u kompilazzjoni tal-iskemi rilevanti, dan ma jidentifikax u ma jivvalutax skema individwali jew dispożizzjonijiet mill-iskema li jistgħu jiġu rrakkmandati bħala l-estensjoni tal-obbligu attwali skont l-Artikolu 6(5). Minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni fid-dettall ipprovduta mill-iskemi vvalutati, ma jistgħux isiru konklużjonijiet aktar preċiżi dwar il-potenzjal tal-informazzjoni dwar il-kontenut tas-sustanzi (lil hinn mis-sustanzi SVHC).

Il-manifatturi tal-prodotti għall-bini, speċjalment l-SMEs misħarrġa fl-istudju min-naħa l-oħra jikkunsidraw kull estensjoni attwali tal-obbligi ta' informazzjoni bħala piż sinifikanti u mhux ġustifikabbli.

Il-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra li għall-fini tal-konsolidament tas-Suq Intern għall-prodotti għall-bini fi ħdan il-qafas tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 305/2011, il-ħtiġijiet speċifiċi għal informazzjoni dwar il-kontenut ta' sustanzi perikolużi fil-prodotti għall-bini, huma indirizzati biżżejjed mid-dispożizzjonijiet attwali tas-CPR, b'mod partikolari l-Artikolu 4 ikkombinat mal-Artikolu 6(5). Madankollu, il-ħtieġa għal aktar għażliet ta' informazzjoni għall-utenti finali dwar il-preżenza ta' sustanzi fil-prodotti għall-bini, biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema li jużaw prodotti għall-bini u ta' utenti ta' xogħlijiet ta' bini, inkluż fir-rigward tar-rekwiżit ta' riċiklaġġ u/jew ta' użu mill-ġdid ta' partijiet jew materjali, għandha tiġi evalwata mill-ġdid u, jekk xieraq, indirizzata skont l-istrumenti rilevanti disponibbli fil-leġiżlazzjoni tal-UE.

Jeħtieġ li jiġi enfasizzat li l-konklużjonijiet ta' hawn fuq dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 305/2011, ma jippreġudikawx il-possibbiltà għall-Kummissjoni, ikkunsidrati d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE għajr l-Artikolu 114, li tidħol għall-inizjattivi leġiżlattivi xierqa fejn ikun meħtieġ.